# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 477/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Marija Stella Anastasi**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti **Marija Stella Anastasi**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 784550(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Jannar 2014 u fil-jiem ta' qabel ġewwa l-fond Ent. B, Flat 3, Trejqet tal-Ferrovija, Santa Venera:

1. bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, fixklet lil żewġha Horace Anastasi fil-pussess ta' ħwejġu u dan bi ksur ta' Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, meta jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Horace Anastasi jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputata b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha limitatament għat-23 ta' Jannar 2014 u mhux għall-jiem ta' qabel din id-data u, b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti ma dehrilhiex neċessarju li torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba hija tikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-18 ta' Ottubru 2018 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Ottubru 2016.

Illi hija tal-fehma ta' din il-Qorti li qabel ma tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellanti tiġi mixlija quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit tiegħu **PS 639 Jean Mangion** (*a fol.* 2) jgħid li kienet marret tagħmel rapport l-appellanti stess fejn allegat li żewġha l-*parte civile* Horace Anastasi kien qed imur fir-residenza tagħhom u jieħu xi affarijiet li kienu tat-tnejn. Jgħid li l-appellanti kienet ippreżentat kwerela u hija ndikat l-oġġetti li kienu ttieħdu. Ikompli jgħid li minn naħa tiegħu, Horace Anastasi stqarr li ma kienx qed jieħu affarijiet tagħha iżda kien qed jieħu l-affarijiet tiegħu. Jgħid li l-*parte civile* qallu li fit-23 ta' Jannar 2014 huwa kien mar ġewwa d-dar tagħhom u kien sab il-bibien tal-kmamar magħluqin u għalhekk ma setax jieħu ħwejġu.

- **Horace Anastasi** (*a fol.* 13 *et seq.*) xehed li fit-23 ta' Jannar 2014 kien mar id-dar, fetaħ il-bieb tal-appartament u mbagħad sab il-bibien tal-kmamar kollha magħluqin. Jgħid li kienu diġa' ftehmu fuq l-affarijiet kollha u li hu ma kienx għadu joqgħod hemm minħabba li l-appellanti kienet attakkatu imma kellu kull dritt li jmur jara t-tfal hemmhekk. Jgħid li ma kellu ebda ordni mill-Qorti biex ma joqgħodx hemm. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li kien telaq mid-dar fit-8 ta' Settembru 2013 iżda fil-għaxijiet u matul il-ġurnata kien imur jittawwal id-dar. Jgħid

li kien imur meta l-appellanti ma kinitx tkunx hemm u dana sabiex ma jkollux inkontri. Jiċħad li ma kienx ikkomunika mal-mara u mat-tfal bejn Settembru u Diċembru. Fir-ri-eżami qal li ċ-ċwievet kollha baqgħu għandu waqt li ċ-ċwievet tal-kmamar kienu jinżammu fil-bibien. Jgħid li meta mar dawn kienu magħluqin u bla ċwievet.

- L-appellanti **Marija Stella Anastasi** (*a fol.* 24 *et seq.*) xehdet li fit-23 ta' Jannar 2014 kienet sabet straġi meta marret lura d-dar u sabet xi affarijiet neqsin u ppreżentat dokument. Tgħid li żewġha l-*parte civile* kien telaq mid-dar minn jeddu fit-8 ta' Settembru 2013 u ma kienx jorqod id-dar filgħaxija imma kien imur jiekol u kienet taħsillu ħwejġu. Tgħid li lit-tifla kien qalilha li qatt ma kien sejjer lura. Tixhed li żewġha ma kienx jorqod hemm bil-lejl u li wara nofsinhar kien jorqod magħha. Tgħid ukoll li kien taha daqqa u kellha titfa' ċ-ċwievet mal-art biex tiddefendi lilha nnifisha. Fil-kontro-eżami qalet li żewġha telaq definittivament fit-28 ta' Diċembru 2013 u li fil-frattemp hu kien beda jieħu ħwejġu. Tgħid li qatt ma kienet taf li kien qed jieħu x-xorb biex ibiegħu u tgħid ukoll li x-xorb li ħa kien jiswa u ħalla dak li ma kienx jiswa. Tixhed li hi ma kinitx kontra li jieħu l-affarijiet tiegħu u tikkonferma li l-bibien tal-kmamar kollha kienu msakkrin.

- L-appellanti **Marija Stella Anastasi** (*a fol.* 47 *et seq.*) xehdet ukoll li hi u żewġha l-*parte civile* kellhom ħajja konjugali tajba imma mbagħad deher li hu kellu xi relazzjoni. Tgħid li ġurnata minnhom sabu straġi bil-kaxxi taċ-ċikkulata mal-art u li hu kien ħareġ sa *air conditioner*. Tgħid li kien ċemplilha minn barra u skopriet li kien ma' ħaddieħor. Tgħid li dawret kollox fuqha kif juru l-kontijiet ippreżentati. Hija tammetti li kienet għalqet il-kmamar għaliex it-tfal kienu ilhom jaħdmu u kien hemm ħafna affarijiet li kienu personali tagħhom u hu kien qed jieħu ta' kulħadd. In kontro-eżami l-appellanti qalet li minkejja li r-raġel mar joqgħod San Pawl il-Baħar huwa xorta kien ġej u sejjer id-dar u li qatt ma ħalla ċ-ċwievet tad-

dar. Hi bilfors kellha tagħlaq il-kmamar ladarba qalilha li ma kienx sejjer iżjed.

- **Audrienne Anastasi** (*a fol.* 69 *et seq.*) qalet li missierha kien qalilha li ma kienx sejjer lura d-dar. Mistoqsija tgħid liema kienu l-kmamar imsakkrin, wieġbet hekk: *"Kien hemm il-kamra tagħna, l-istudy, il-kamra tagħhom u ma nafx jekk il-bathroom kinitx magħluqa"* (*a fol.* 70). Tgħid li ġialadarba kien ħa ċerta affarijiet ġie deċiż li aħjar isakkru.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha b'dan illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tibda bit-tielet aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellanti tisħaq li ma ġietx ippreżentata l-kwerela tal-*parte civile* li hija rikjesta u li mingħajrha l-proċeduri huma nulli.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti eżaminat sew dak li jiddisponu Artikoli 85 u 544 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ebda wieħed minn dawn l-artikoli ma jeżiġi li biex titmexxa l-azzjoni bħal dik fil-każ odjern tenħtieġ il-kwerela tal-parti. Dan jagħmel ħafna sens u dana peress li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa intiż biex ħadd ma jieħu l-liġi b'idejh. Huwa mhux intiż sabiex jittutela l-proprjeta' jew il-persuna imma sabiex il-liġi tkun amministrata minn min għandu jamministraha. B'hekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel u t-tieni aggravju flimkien u dana peress li huma konnessi.

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellanti huwa li ma jeżistux l-elementi ta' *ragion fattasi* rikjesti mill-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta u dan għaliex il-*parte civile* meta qal lil uliedu li ma kienx sejjer id-dar sentejn qabel kien irrinunzja għall-pussess tal-istess fond. Fit-tieni aggravju l-appellanti tgħid li l-elementi tar-reat ma ġewx ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni minħabba li ma ġiex ppruvat li fil-kmamar in kwistjoni l-*parte civile* kellu ħwejġu. Tgħid li dawk kienu kmamar tat-tfal u fil-kmamar l-oħra ma kellu xejn għax kien diġa' ħa kollox.

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ l-appellanti ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh (*"di privato braccio"*) dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

> *"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Il-*parte civile* Horace Anastasi xorta baqa' jmur u jiġi fid-dar matrimonjali wkoll wara d-data li fiha ndika li ma kienx ser jirritorna. Effettivament huwa kellu ċ-ċwievet tad-dar u kien qed jieħu xi affarjiet. Meta ngħalqu l-kmamar, għalkemm jidher li kien hemm il-bżonn li jittieħdu xi affarijiet tat-tfal, kien qed isir "spoll" ta' Horace Anastasi u li żgur kien kontra x-xewqa tiegħu għax jirriżulta li kien għadu ġej u sejjer id-dar minkejja li kien qal li mhux ser jirritorna.

- L-għeluq tal-kmamar jidher li sar bil-kredenza li dan kien qed isir bi dritt.

- L-għeluq tal-kmamar sar *"di privato braccio"* meta dwar dan kien missu kien hemm xi ordni tal-Qorti.

- Dan kollu sar b'nuqqas ta' titolu għaliex il-pussess tad-dar tal-konjuġi huwa tat-tnejn.

Illi b'hekk isegwi li l-erba' elementi ta' Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti.

Illi fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "L-ewwelnett għandu jiġi osservat li fil-liġi tagħna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-amminsitrazzjonijiet pubbliċi l-oħra. Għalhekk mhix applikabbli d-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 331 tal-Kodiċi Kriminali li tipprovdi li, b'eċċezzjoni ta' ċerti delitti: *"ma hemmx azzjoni kriminali għal reati li jsiru kontra l-ħwejjeġ ... tar-raġel jew tal-mara..."*. Din id-dispożizzjoni hi applikabbli biss għad-delitti kontra l-proprjeta' (u kontra s-sigurta' pubblika), jiġifieri mill-

Artikolu 261 'il quddiem. Fost l-ipotesijiet ikkontemplati fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 hemm dik ta' *"min ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu"*. Il-ko-possessuri ta' oġġett għandhom – sakemm ma jiġix miftiehem jew ordnat mod ieħor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux provdut mod ieħor mil-liġi – drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oġġett. L-istess jingħad għall-ko-propretarji jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun dan ma jistax jagħmlu *"b'mod li jħallix lill-koproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont l-jeddijiet tagħhom."* [...] Fil-każ tal-pussess – għax l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta' – dak li hu meħtieġ hu li l-ko-possessuri jagħmlu, kull wieħed minnhom, użu raġonevoli mill-oġġett b'mod li ma jkunx jista' jingħad li wieħed qed jippriva lill-ieħor mit-tgawdija raġonevoli ta' dak l-oġġett. U l-istess għandu jingħad fil-konfront ta' xi oġġett, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li jkun fil-pussess tal-konjuġi, ġaladarba l-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti tmiss lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa (Artikolu 1322 (1) tal-Kodiċi Ċivili)."

Illi fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Pace**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodiċi Ċivili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma għandhom jitqiesu bħala "ko-possessuri" tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, ċioè bħala proprjeta', kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti waħda mill-miżżewġin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bħala ko-possessuri, kull wieħed mill-konjuġi għandu dritt jagħmel użu raġjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-oħra mit-tgawdija raġjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta'

Jannar, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Georgina Gauci** li għaliha għamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali). Il-konjuġi jibqgħu hekk ko-possessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawża ta' separazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, **sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi għandu jibqa',** ***pendente lite*****, f'dik id-dar** ad esklużjoni tal-parti l -oħra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod ieħor, ċioè kieku l-parti li tħalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt tagħha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'ħin trid terġa' tidħol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tiġi nieqsa inċentiva kbira għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-liġi tiffavorixxi r-rikonċiljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) u 58(1) tal-Kap. 16)." [emfażi miżjuda]

Illi ż-żewġ sentenzi appena ċitati jikkristallizaw bejniethom x'inhi l-pożizzjoni legali tal-konjuġi dwar id-dar matrimonjali ġialadarba jiżżewġu. Huma kunċetti mil-liġi ċivili li ma jistgħux ikunu skartati fl-apprezzament tal-fatti ta' dan il-każ u fid-dawl ta' dak li jiddisponi Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju raġonevoli u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fl-appellanti tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha. B'hekk isegwi li l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti qed ikunu miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellanti targumenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva u li żewġha qed jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jagħmel pressjoni fuqha u fuq uliedu biex ibiegħu d-dar mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellanti u dana bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza. Din

il-Qorti qieset il-fedina penali netta tal-appellanti kif ukoll li kien hemm sforzi sabiex issir tranżazzjoni u kkunsidrat li l-Ewwel Qorti llimitat ruħha għal jum wieħed biss. B'hekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami tal-appellanti u ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kif imsemmi hawn taħt.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Marija Stella Anastasi u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni addebitata lilha limitatament għat-23 ta' Jannar 2014;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellanti ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u minflok *ai termini* tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-appellanti mingħajr ebda kondizzjoni.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**